MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 674/2002

**Coastline Hotel Limited**

**vs**

**Satours International Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mija sebgha u tmenin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm4,187.50), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati provduti mis-socjeta attrici fil-Coastline Hotel, Salina Bay, Salina, fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Lulju 2002 u tas-Sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-avviz u bl-imghax legali dekorribli mid-29 ta' Jannar 2002, sad-data tal-effettiv pagament, kontra r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici, liema nota tinsab annessa ma dawn l-atti u giet presentata, “seduta stante” illum stess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm4187.50,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Lulju 2002 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tas-7 ta’ Novembru 2002.

Alan Calleja
Deputat Registratur